Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8410/22

LIMITE

CORLX 376
CFSP/PESC 526
CYBER 130
JAI 523
FIN 463

PUBLIC

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/…**

**ta' …**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797[1].

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tapplika sat-18 ta’ Mejju 2022. Abbażi ta’ rieżami ta’ dik id-Deċiżjoni, il-validità ta’ dik id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi estiża sat-18 ta’ Mejju 2025 u l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jenħtieġ li jiġu estiżi sat-18 ta’ Mejju 2023.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 tas-17 ta’ Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 129I, 17.5.2019, p. 13).

*Artikolu 1*

L-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-18 ta' Mejju 2025 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness sat-18 ta' Mejju 2023.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC